**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 667/2020 AF**

**Av. Cedric Mifsud ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà estera Adria Yachting NV**

**vs**

**Stephan Christoph Schlosser Nru. tal-Passaport nru. F2801638 residenti fl-Isvizzera**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Dr. Justine Scerri Herrera bhala mandatarja tal-assenti Stephan Christoph Schlosser li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, hija talbet lil din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar numru 785/2020 MB a tenur tal-Artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Giet mitluba wkoll kundanna ghall-hlas ta' penali skond l-Art. 836(9)(d) tal-istess Kap. 12.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-Av. Cedric Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà estera Adria Yachting NV li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab lil din il-Qorti tichad il-fuq imsemmija talbiet.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors, li thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 836(1)(b) u (f) jipprovdi testwalment illi:

> *"(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*
>
> u
>
> *(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli*."

Ikkunsidrat illi doveruz ghall-Qorti tenfasizza t-taghlim kostanti ta' dawn il-Qrati fis-sens illi l-istharrig li taghmel il-Qorti fi proceduri ta' din ix-xorta jibqghu dejjem fil-parametri ta' dak li jidher mad-daqqa t'ghajn b'dana illi l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet jibqa' essenzjalment rizervat ghall-Qorti meta din tkun qeghda tiehu konjizzjoni tal-kawza fil-mertu. Inoltre, jigi enfasizzat ukoll illi wiehed ma jistax leggerment ixejjen il-jedd ta' kreditur li jqieghed fis-sod il-pretensjoni tieghu.

Il-lanjanzi tar-rikorrent principalment jinvolvi n-notifika tal-istess mandat u x-xorta ta' azzjoni tentata mis-socjetà Adria Yachting NV.

Ir-rikorrenti Schlosser jargumenta li l-procedura applikabbli fil-kuntest kellha tkun dik "*in rem*" kontra l-bastiment u mhux azzjoni personali kontra Stephan Schlosser. Il-Qorti tqis li din

il-materja tmur oltre il-parametri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti tqis illi l-Art. 855 tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"(1) Mandat ta' arrest kawtelatorju ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri jista' jinħareġ unikament biex jitqiegħdu fiż-żgur dejn jew pretensjonijiet, kemm in personam kif ukoll in rem, li bit-tluq tal-imsemmija biċċa tal-baħar jistgħu jiġu skartati u ma jistax jinħareġ mandat ieħor kontra biċċa tal-baħar jekk mhux mandat ta' arrest, u kemm jekk din il-biċċa tal-baħar tkun fuq il-baħar kemm jekk le.*
>
> *(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 843 jgħoddu għal dan il-mandat."*

Jidher illi l-pretensjonijiet ta' Adria Yachting NV mhumiex indirizzati lill-bastiment innifsu, izda lill-istess Schlosser. It-talbiet fil-kawza infatti huma:

> *"1. Tordna li l-intimat m'ghandux jibqa' fil-pussess tal-bastiment S/Y ADRIA u li l-bastiment S/Y ADRIA ghandu jirritorna lura ghand is-socjetà attrici bhala s-sid tal-bastiment.*
>
> *2. Tiddikjara li l-intimati Stephan Christoph Schlosser huwa responsabbli ghad-danni kollha li s-socjetà attrici inkorriet minhabba l-fatt li l-bastiment S/Y ADRIA baqa' detenut mill-intimati minghajr permess u/jew awtorizzazzjoni.*
>
> *3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà attrici bhala s-sid tal-bastiment M/Y ADRIA minhabba l-fatt li l-bastiment baqa' detenut mill-intimat Stephan Christoph Schlosser minghajr permess u/jew awtorizzazzjoni.*
>
> *4. Tikkundanna lill-intimat Stephan Christoph Schlosser ihallas lis-socjetà attrici d-danni li jigu hekk likwidati.*
>
> *Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Inoltre, galadarba l-istess pretensjonijiet jistghu jigu eluzi jekk il-bastiment jithalla jitlaq, din il-Qorti tqis li b'hekk il-mandat inhareg korrettement.

L-abbli difensur tar-rikorrenti tikkontesta wkoll il-validità tal-istess mandat ghaliex dan ma giex notifikat lil Stephan Schlosser la personalment u lanqas f'idejn impjegat tieghu.

Hawnhekk il-Qorti tinnota li, semmai, notifika skorretta ma timportax in-nullità tal-mandat innifsu izda teffettwa biss il-validità tan-notifika stess. Madanakollu il-Qorti tqis li l-Art. 856(3) tal-Kap. 12 jipprovdi testwalment illi:

> *"(3) Kopja tal-mandat ta' arrest għandha tiġi notifikata lill-persuna li l-vapur jew il-bastiment tagħha jkun ġie arrestat, il-kaptan jew persuna oħra li tkun responsabbli għal dak il-vapur jew bastiment, jew l-aġent ta' dak il-vapur jew bastiment:*
>
> *Iżda illi għal dan il-għan, il-persuna li toħroġ il-mandat għandha tindika fil-post xieraq tal-mandat id-dettalji neċessarji tal-persuna li ser tkun qed tinnotifika b'kopja tal-mandat imsemmija f'dan is-subartikolu lill-kaptan jew persuna oħra li tkun responsabbli għal dak il-vapur jew bastiment."*

Hekk sar f'dan il-kaz.

Finalment, id-difensur tar-rikorrenti tqajjem ukoll il-kwistjoni tal-korrettezza tan-numru tal-passaport ta' Stephan Schlosser. Il-Qorti tinnota li n-numru indikat mis-socjetà li talbet il-mandat tal-arrest f'xi zmien jidher li kien intuzat mill-istess Schlosser. Il-Qorti tirreferi partikolarment ghad-dokument (esibit in atti a fol. 38) li permezz tieghu l-istess Schlosser inghata awtorità fuq il-bastiment fis-sena 2012.

Finalment, ir-rikorrenti odjern jitlob ukoll lil din il-Qorti timponi l-penali a tenur tal-Art. 836(9)(d) tal-Kap. 12. Tenut kont li l-Qorti tqis il-mandat gustifikat u ma tirriskontra ebda malizzja fil-hrug tieghu, tqis li din it-talba mhijiex gustifikata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors ta' Dr. Justine Scerri Herrera bhala mandatarja tal-assenti Stephan Christoph Schlosser.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF